MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 2855/2002

**Mob*ilse* Communications Limited**

**vs**

**Michael Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm678.21) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond *Client Contract number* 1260 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2001 u Gunju 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Sammut ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm678.21), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Settembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------